

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 723/2014**tat-23 ta' Ġunju 2014****li japprova emenda minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Nieheimer Käse (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Ġermanja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-orijini "Nieheimer Käse", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 414/2010 ⁽²⁾.
- (2) It-talba għandha l-għan li temenda l-ispeċifikazzjoni billi tippreċiża l-proporzjon ta' żerriegħa tal-ħlewwa, ingredjent fakultattiv sempliċi.
- (3) Il-Kummissjoni eżaminat l-emenda kkonċernata u kkonkludiet li hija ġustifikata. Billi din hija emenda minuri skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni tista' tapprovaha mingħajr ma tirrikorri għall-proċedura mogħtija fl-Artikoli 50 sa 52 ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Nieheimer Käse" hija b'dan emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni
fisem il-President,
Dacian CIOLOȘ
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.⁽²⁾ ĠUL 119, 13.5.2010, p. 3.

ANNEX

Fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta “Nieheimer Käse”, ġiet approvata l-emenda li ġejja:

Metodu ta' produzzjoni:

Fil-frażi “Mal-massa mbagħad jiżdiedu l-melħ tat-tisjir (2,5-3,5 %) u, possibilmement iż-żerriegħa tal-ħlewwa (0,01-0,03 %) u l-massa titħallat għal biżżejjed ħin biex tintlaħaq distribuzzjoni uniformi”, it-test fil-parentesi “(0,01-0,03)” wara “żerriegħa tal-ħlewwa” irid jiġi sostitwit bi “(0,1-0,3 %)”.

Ġustifikazzjoni:

L-applikant, li huwa assoċjazzjoni ta' produttori tal-prodott inkwistjoni, isostni li matul il-65 sena ta' produzzjoni tal-ġobon “Nieheimer Käse”, iż-żerriegħa tal-ħlewwa dejjem ġiet miżjuda b'perċentwal ta' 0,1-0,3 %.

L-ispeċifikazzjoni li tidher fis-sommarju ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'dan ir-rigward (“0,01-0,03”) tirriżulta minn żball tat-tipa. Is-simbolu % nieqes ġie miżjud fil-pubblikazzjoni tad-Deutsches Markenblatt tat-23.9.2005. In-numri żero addizzjonali wara l-virgola jirriżultaw f'żieda korrispondenti ta' żerriegħa tal-ħlewwa (biss bejn 1 u 3 deċimi ta' milleżmi tal-piż totali) fil-prodott, li bilkemm hija perċettibbli.
